

Brussell, 22 ta' April 2024  
(OR. en)

9231/24

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0099(NLE)**

---

---

**ECOFIN 501  
UEM 127  
FIN 392  
CADREFIN 82**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' April 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 185 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21; ST 10150/21 ADD 1 REV 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 185 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 185 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.4.2024  
COM(2024) 185 final

2024/0099 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21; ST 10150/21 ADD 1 REV 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja**

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21; ST 10150/21 ADD 1 REV 1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") minn Spanja fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021<sup>2</sup>. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata fis-17 ta' Ottubru 2023<sup>3</sup>.
- (2) Fid-19 ta' Marzu 2024, Spanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma jkunx għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, Spanja ppreżentat RRP emendat.

***Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241***

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Spanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 16-il miżura.
- (4) Spanja spjegat li, għal seba' miżuri, mhuwiex possibbli li tagħti prova tal-ilħuq ta' 15-il stadju importanti u mira peress li l-proċeduri interni Spanjoli ma jipprevedux evidenza primarja inekwivoka li tippermetti l-verifika espliċita tat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rispettivi. It-tip ta' indikaturi użati għall-valutazzjoni tat-twettiq sodisfaċenti jenħtieġ li jiġu mmodifikati biex jippermettu din il-valutazzjoni, mingħajr ma jiġu mmodifikati l-oġġettivi u n-natura tal-miżuri rilevanti. Il-kwantitajiet

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

<sup>2</sup> ST 10150/21; ST 10150/21 ADD 1 REV 1.

<sup>3</sup> ST 13695 REV 1; ST 13695 ADD 1 REV 1.

speċifiċi għal dawn l-indikaturi ġodda jenħtieġ li jiġu stabbiliti sabiex jiġi ppreżervat il-livell ta' ambizzjoni tal-miżuri rispettivi. Dan jikkonċerna, rispettivament, il-mira bin-numru sekwenzjali 8 skont il-miżura I1 (Investiment: Żoni b'emissjonijiet baxxi u t-trasformazzjoni tat-trasport urban u metropolitan) u l-mira bin-numru sekwenzjali 17 skont il-miżura I3 (Investiment: Miżuri biex itejbu l-kwalità u l-affidabbiltà tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju) skont il-komponent 1 (Pjan ta' Xokk għall-Mobilità Sostenibbli, Sikura u Konnessa fl-Ambjent Urban u Metropolitan). Dan jikkonċerna wkoll, rispettivament, l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 85 skont il-miżura I1 (Investiment: Network ta' trażmissjoni nazzjonali - Kurituri Ewropej), l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 88 u 94 u l-miri bin-numri sekwenzjali 89 u 92 skont il-miżura I2 (Investiment: Network Trans-Ewropew għall-Programm tat-Trasport, xogħlijiet oħra) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv, l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 95 u 96 u l-miri bin-numri sekwenzjali 97 u 98 skont il-miżura I3 (Investiment: Intermodalità u loġistika), u l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 99 u 100 skont il-miżura I4 (Investiment: Programm ta' appoġġ għal trasport sostenibbli u diġitali) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv, skont il-komponent 6 (Mobilità sostenibbli (distanzi twal)). Dan jikkonċerna wkoll il-miri bin-numri sekwenzjali 300 u 302 skont il-miżura I3 (Investiment: L-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali) skont il-komponent 20 (Pjan strateġiku biex tingħata spinta lit-taħriġ vokazzjonali) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv. Fuq din il-bażi, Spanja talbet biex jiġu emendati l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq. L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

- (5) Spanja spjegat li għal disa' miżuri, jeżistu alternattivi aħjar għall-implimentazzjoni tagħhom sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 107 skont il-miżura R1 (Riforma: Qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-ġenerazzjoni rinnovabbli) skont il-komponent 7 (Użu u integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli). Dan jikkonċerna wkoll il-mira bin-numru sekwenzjali 164 skont il-miżura I2 (Investiment: Proġetti speċifiċi biex jiddiġitalizzaw il-gvern ċentrali) skont il-komponent 11 (Modernizzazzjoni tal-Amministrazzjonijiet Pubbliċi). Dan jikkonċerna wkoll il-mira bin-numru sekwenzjali 188 skont il-miżura I3 (Investiment: Pjan għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv skont il-komponent 12 (Politika Industrijali). Dan jikkonċerna wkoll l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 448.a u 448.c skont il-miżura I6 (Investiment: Skema ta' sussidju biex tappoġġa proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi (għotjiet)) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv, kif ukoll l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali L22 u l-mira bin-numru sekwenzjali L24 skont il-miżura I7 (Investiment: Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u s-settur agroalimentari (self)) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv skont il-komponent 12 (Politika Industrijali). Dan jikkonċerna wkoll il-miri bin-numri sekwenzjali 202, 203, 206, 207 u 209 skont il-miżura I3 (Investiment: Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni), u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv skont il-komponent 13 (Appoġġ għall-SMEs). Dan jikkonċerna wkoll l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 276 skont il-miżura R4 (Riforma: It-tisħiħ tal-ħiliet professjonali u t-tnaqqis tal-impjieg temporanju) skont il-komponent 18 (Ir-Rinnovazzjoni u l-Estensjoni tal-Kapaċitajiet tas-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali) u d-deskrizzjoni tar-riforma rispettiva. Dan jikkonċerna wkoll l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 494, 496 u 497 skont il-miżura I6 (Investiment: Skema ta' sussidju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (għotjiet)) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv, kif ukoll l-

istadju importanti L86 u l-mira L88 skont il-miżura I8 (Investiment: Skema ta' appoġġ għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (self)) u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv skont il-komponent 31 (Kapitolu REPowerEU). Fuq din il-bażi, Spanja talbet biex jiġu emendati d-deskrizzjonijiet ta' miżuri, l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq. L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

- (6) Spanja spjegat li miżura waħda ma tkunx għadha tista' tinkiseb għal raġuni ta' domanda insuffiċjenti minħabba żviluppi reċenti fis-suq tal-elettriku. Dan jikkonċerna l-mira bin-numru sekwenzjali 106 skont il-miżura R1 (Riforma: Qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-ġenerazzjoni rinnovabbli) skont il-komponent 7 (Użu u integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli). L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati minn Spanja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

### ***Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali***

- (8) Ġew identifikati erba' żbalji klerikali fit-test tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jaffettwaw żewġ stadji importanti, tlett miri u erba' miżuri skont erba' komponenti. L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi emendat biex jiġu kkorreġuti tali żbalji klerikali, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u Spanja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-istadji importanti bin-numru sekwenzjali 166 skont il-miżura I2 (Investiment: Proġetti speċifiċi biex jiddiġitalizzaw il-gvern ċentrali) skont il-komponent 11 (Modernizzazzjoni tal-Amministrazzjonijiet Pubbliċi), l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 251 skont il-miżura R1 (Riforma: Strateġija nazzjonali tal-IA) skont il-komponent 16 (Intelliġenza Artifiċjali), il-miri bin-numri sekwenzjali 200, 204 u 208 skont il-miżura I3 (Investiment: Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni) skont il-komponent 13 (Appoġġ għall-SMEs), u d-deskrizzjoni tal-miżura R4 (It-tisħiħ tal-ħiliet professjonali u t-tnaqqis tal-impjieġ temporanju) skont il-komponent 18 (Ir-Rinnovazzjoni u l-Estensjoni tal-Kapaċitajiet tas-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

### ***Valutazzjoni tal-Kummissjoni***

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (10) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati minn Spanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10150 2021 ADD 1 REV 2 tas-6 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Spanja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).

### ***Valutazzjoni pożittiva***

- (11) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-RRP emendat bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) ta' dak ir-Regolament u mal-Anness V tiegħu, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-arranġamenti u l-iskeda ta'

żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex jingħata aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* rilevanti sottostanti.

- (12) Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Spanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex jingħata aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja hija emendata kif ġej:

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 3* *Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*